MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 786/2014

**IG Enterprises Limited (C18849) u Ivan Zammit (ID 479166M)**

**Vs**

**Untours Insurance Agents (C5655)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici, pprezentat fit-03 ta' Dicembru, 2014 li permezz tieghu ppremetta:

Illi l-atturi flimkien u solidalment bejniethom jaghmlu referenza ghall-kuntratt ta' kirja ta' mutur Peda bin-numru ta' registrazzjoni DQZ 754 datat 09 ta' Gunju, 2013 lil certu Vlasenko Alexandr, detentur tal-Passaport Russu bin-numru 11A120622 u licenzja tas-sewqan bin-

numru 7706822456 li kien residenti fi zmien l-incident gewwa l-Preluna 3417, kopja ta' liema kuntratt qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok 'A'.

Illi l-kirja tal-vettura in kwistjoni kienet ghal perjodu ta'tlett ijiem, b'mod li din kellha tittermina fil-11 ta' Gunju, 2013;

Illi minhabba zvilupp ta' hsara f'dan il-mutur, il-vettura nbidlet ghal dik b'numru ta' registrazzjoni DQZ 756 fl-10 ta' Gunju, 2013 fid-9:30am fejn il-kuntratt tal-kirja gie estiz ghal xahar u b'hekk il-vettura giet irritornata lura fid-9 ta' Lulju, 2013;

Illi b'imperzja, traskuragini, nuqqas ta' hila, jew xort' ohra b'negligenza l-assikurat tas-Socjeta' konvenuta Untours Limited saq il-vettura b'mod li kkawza 'ncident awtomobilistiku fejn sahansitra s-sewwieq tal-mutur in kwistjoni garraf numru ta' griehi u l-mutur, numru ta' hsarat;

Illi l-assikurat ammetta mill-ewwel it-tort u ta' struzzjonijiet sabiex is-Socjeta' konvenuta thallas id-danni rekati mill-atturi;

Illi d-danni sofferti mill-atturi jikkonsistu f'danni emergenti u cessazzjoni ta' lukru;

Illi s-Socjeta' konvenuta kienet diga rrimettiet ruhha fil-claim taghhom bin-numru ta' referenza 1369/13 sabiex thallas l-ammont ta' elf u mitt ewro (€1,100) (vide dok 'B') liema ammont ma kienx accettabli ghall-atturi stante li d-danni minnhom sofferti jammonta ghal hafna aktar minn hekk;

Illi 'nterpellati kemm il-darba, sahansitra permezz t' ittra ufficjali datata (vide dok 'C').

Ghaldaqstant l-Onorabbli Tribunal qieghed jintalab:

1. Jiddikjara s-Socjeta' konvenuta responsabbli ghal hlas tad-danni sofferti mill-atturi kagun unikament it-tort tal-assikurat taghha ghall-incident li sehh;

2. Tillikwida d-danni emergenti u dawk ta' cessazzjoni ta' lukru sofferi mis-Socjeta' attrici komplessivament fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) jew somma ohra aktar verjuri u dana okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundana lis-Socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma hekk likwidati a tenur tat-tieni talba.

Bl-ispejjez kollha, 'nkluz dawk tal-ittra ufficjali u l-imghax legali kollha kontra s-Socjeta' konvenuta li hija 'ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-12 ta' Jannar, 2015 minn Dr Etienne Calleja u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-Socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) u dan bl-ispejjez u bl-imghax legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------